KUNSILL LOKALI
**M O S T A**
LOCAL COUNCIL

MINUTI
Laqgħa tal-Kunsill Lokali Mosta
Seba LEĠISLATURA

Laqgħa Numru 57 Tnejn 2 ta' April 2018

Il-Kunsilli Lokali Mosta ltaqa' fl-Uffiċċju Amministrattiv tiegħu li jinsab fl-indirizz Ċentru Ċiviku, Triq Il-Kostituzzjoni, fis-7:45 ta' filgħaxija.

PREŻENTI:
Keith Cassar – Sindku
James Cassar – Viċi-Sindku
Gianluca Busuttil- Kunsillier
Mario Sammut – Kunsillier
Angele Rapa – Kunsillier
Maria Pia Bonnici – Kunsillier
Karl Tanti – Kunsillier
Mark Micallef Costa – Kunsillier
Francis Deguara – Kunsillier
Christian Borg – Kunsillier

ASSENTI b'APOLOĠIJI (Skont Ordni Permanenti 14A (3):
Jesmond Gauci-Kunsillier

ASSENTI
Rachel Tua – Kunsillier
Joseph Gatt - Kunsillier

UFFIĊJAL PREŻENTI:
Lorraine Templeman – Segretarju Eżekuttiv

Minuti
Is-Sindku Keith Cassar ippresjeda l-laqgħa.

57.1 Qari tal-ittri ta' apoloġiji
Is-Segretarju Eżekuttiv ippreżentat u qrat l-ittra ta' apoloġija ta' Jesmond Gauci. Il-membri preżenti unanimament aċċettaw l-ittra ta' apoloġija.

57.2 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Minuti Nru. 56.
56.2 Ref: 55.4.6 – Is-Sindku nforma li sar it-*tarmac* fi Triq San Anton Abbati u anke tidher li qed ssir il-bankina wkoll mil-kuntrattur.

56.4.3 – Il-Kunsillier Deguara nforma li in-*newsletter* Mosta Solidali tqasmet, pero' jidher li mhux kulħadd għadu rċevija. Is-Sindku talab biex il-Kunsilliera jinfurmawħ liema toroq ġew irrapurtati li ma rċevux in-*newsletter.*

56.4.4 - Is-Sindku nforma li x-xogħolijiet fuq il-*lift* issa ħa jibdew fid-9 ta' April.

56.4.6 - Is-Sindku nforma li peress li għadna ma rċevejna xejn mingħand il-Kunsilliera Tua dwar il-vizti lil-ħabsin, din issa ħa jieħu ħsieba il-Kunsillier Deguara.

Saret sospensjoni tal-minuti fis-7:52 u l-laqgħa tkompliet fis-7:57.

56.4.20 – Is-Sindku nforma li t-tabelli fi Triq Kurat Schembri u Triq l-Paroċċa ħa jinbidlu biex jkunu iktar ċari, għal min jagħmel użu min dawn iż-żewġ toroq. Dawn qegħdin *"one-way accept for garage owners and residents",* u għalhekk ħa jiżdiedu l'kliem *"un/loading only".*

Il-membri preżenti unanimament approvaw il-minuti tal-laqgħa numru 56.

## 57.3 Kommunikazzjoni mis-Sindku /Korrispondenza

### 57.3.1 Korrispondenza- Notification of Fresh Plans PA 7677/17

Is-Sindku nforma li l-Perit Magri għadu ma bgħatilniex il-pjanti, u għalhekk dawn ħa jiġu diskussi malli nirċevuhom.

### 57.3.2 Korrispondenza – Skema 2 Manutenzjoni ta' Binjiet tal-Gvern

Din għanda tkun responsabilta tal-Housing Authority, għax din l-iskema ta' manutenzjoni għanda x'taqsam biss bejn il-Housing Authority u l-*owners association*.

Fit-8:05pm daħal il-Kunsillier Tanti.

Aparti min hekk l-Kunsill m'għandux il-*manpower* biex jassistu fl-amministrazjoni tal-Housing Authority, u meta l-Kunsill kien fiż-żmien assista f'din l-iskema, ir-residenti kienu jiġu jilmentaw u jiġġieldu l-Kunsill.

### 57.3.3 Korrispondenza – Triq Familja Cumbo

Is-Sindku nforma li rċevejna ittra mingħand is-Sinjura Sciberras rigward bankina quddiem il-garaxx tagħha fejn biex tidħol u daħħal il-karozza din qed taħbat il-qieħ tal-karozza mal-bankina. Is-Sindku nforma li meta saret il-bankina mil-Gvern kienet vojta d-dar, apparti min hekk *tarmac* u bankini jsiru mil-Gvern u l-Kunsill jżomm il-manutenzjoni tagħhom, u jsiru bil-proċeduri kollha kif titlob Transport Malta.

Il-membri preżenti qablu unanimament li l-bankina ma titkissirx peress li bankina tajba. Każijiet fejn l'użu ta' garaxx jinbiddel, jew jsir garaxx mir-residenti jkun hawn, imma ma jistax jkun li l-Kunsill jibdel skont l-esiġenzi tar-residenti, u għalhekk il-membri qablu li f'dawn iċ-ċirkustanzi x-xogħlijiet jsiru mir-resident bl-ispeċifikazzjonijiet kif tirrikjedi Transport Malta, u jiġi ċertifikat mil-Kunsill li x-xogħol sar kif meħtieġ.

Is-Sindku nforma li ħa jittieħdu ir-ritratti u ninfurmaw lir-residenta li l-Kunsill ma jsibx oġġezjoni li titranġa l-bankina mir-residenta.

### 57.3.4 Korrispondenza – Triq il-Ħarifa u Triq Ponsomby

Is-Sindku nforma li rċevejna ittra anonima fejn ir-residenti ta' Triq il-Ħarifa u Triq Ponsomby qed joġġezjonaw għal permess li ħarġet l-Awtorita ta' l-Ippjanar biex tinbeda blokka ġdida ta' garaxxijiet, apartamenti u *maisonettes.*

L-applikazzjoni saret fl-2016, u l-Awtorita ta' l-Ippjanar approvat din il-binja f'Lulju ta' 2017, allura l-Kunsill ma jistax jibgħat oġġezzjoni għax iż-żmien ta' l-appell għadda u skada.

**57.3.5 Kommunikazzjoni – Żewġ siti f'żona Sta. Margerita**

Is-Sindku nforma li wara l'insistenza tal-Kunsill u r-residenti, l-oġġezzjoni tal-*public open space* li kien ippjanatfil-Pjazza f'Santa Margerita, ġiet milqugħa.

Fl-2016 l'*area* li l-Kunsill kien oġġezzjona għalija, u *area* oħra li hija ikbar kienu ġew skedati bħala *community facilities.* Skont ir-rapport ta' l'*area* li hija ikbar, qed jiġi ndikat mir-rapport li s-saqaf tal-*community facility* jkun il-livell tat-triq, fejn fuqu jiġi ġnien pubbliku.

Is-Sindku nforma li ġie magħruf li qed tinġabar petizjoni biex dan il-*community facility* ma jsirx, u hemm laqgħa l-Ġimgħa 6 ta' April fejn is-Sindku ħa jiltaqa' mar-residenti il-Ħamis 5 ta' April. Is-Sindku qal wkoll li kien hemm min ħaseb li dan huwa *shifting* tal-proġett li mhuwiex, u kien hemm wkoll min ħaseb li dan il-proġett sar issa li fil-fatt mhux il-każ, għax din saret fl'2006.

Jekk ħa jkun hemm xi proposti jew emendi dawn jridu jsiru sa l-aħħar tax-xagħar 30 ta' April. Is-Sindku nforma li dwar dan il-pjan lokali hemm laqgħa il-Parlament quddiem il-kumitat ta' l-artijiet nhar it-tnejn 9 ta' April.
Għal din il-laqgħa l-Kunsilliera huma kollha mistiedna, imma jridu jinfurmaw lis-Sindku peress li rridu ninfurmaw lil-Parlament minħabba l-identifikazzjoni ta' kull min ħa jattendi.

Il-membri preżenti qablu li skont ir-rapport m'għandux għalfejn jkun hemm oġġezzjoni, għax ħa tisbieħ iż-żona, u l-*community facilty* ħa jkun taħt l-art.

Il-Kunsilliera ġew mistiedna biex jattendu mas-Sindku, għal-laqgħa mar-residenti.

**57.3.6 Kommunikazzjoni – Il-kuntratt tal-knis.**

Is-Sindku nforma li t-*tender* tal-knis ħareġ fiż-żmien l-eks. Sindku Ivan Bartolo u ġie ġġudikat fiż-żmien is-Sindku preżenti. L-evalwazzjoni saret skont kif kien mitlub mid-dipartiment tal-kuntratti u d-dipartiment tad-DLG f'dak iż-żmien. Jidher li ġurnata wara li għalaq it-*tender* irċevejna ċirkulari li dan it-*tender* jrid jinħadem bil-MEAT. F'dan iż-żmien ma rċevejniex notifika li *tenders* pendenti jridu jinbidlu u jinħadmu bil-MEAT, l-anqas meta konna qed nikkorrispondu mad-dipartiment tal-kuntratti u d-dipartiment tad-DLG. Għalkemm dawn jirrevedu biss u mhux japprovaw id-*draft*, fl-ebda ħin ma ġibdulna l'attenzjoni li qed naħdmu ħażin.

Is-Sindku għandu jkellem lid-dipartiment tad-DLG, biex ma nitilfux aktar żmien u nmexxu kif aħna, jew għal-inqas mhux jerġa jinħareġ *tender* ieħor, imma naħdmu it-*tenders* li ġew mitfugħa bis-sistema MEAT. Fl-istess żmien inħarġu t-*tenders* tat-tindif ta' l-uffiċini kif wkoll tal-latrini, li skond iċ-ċirkulari suppost inħaddmu bil-MEAT. Għalhekk dawn ħa jiġu iċċarati mad-dipartiment tad-DLG.

**57.3.7 Kommunikazzjoni – Fuljett.**

Is-Sindku nforma li mal-gazetta il-Kunsill ħareġ fuljett żgħir tal-Ġimgħa l-Kbira li ntlaqa' tajjeb, kif wkoll tqassmu ċertifikati.

**57.3.8 Kommunikazzjoni – Laqgħat tal-Kunsill.**

Is-Sindku nforma li fis-sajf il-laqgħat ħa jsiru kull 3 ġimgħat u fix-xitwa jsiru kull 4 ġimgħat.
Il-membri preżenti qablu unanimament.

**57.3.9 Kommunikazzjoni – Fondi ħitan tas-sejjieħ.**
Is-Sindku nforma li b'inizjattiva tal-Kunsillier Busuttil ikkonkludejna mal-MEUSAC għal-fondi ta' l-EU biex jinbnew u/jew jiġu restawrati ħitan tas-sejjieħ.
Is-Sindku qal li ġew identifikati erba żoni, dawn huma; mil-barriera sal-pont fuq iż-żewġ naħat fit-telgħa ta' Dawret il-Wied, u min-Dawret il-Wied sa Triq il-Fuħħar, Triq il-Lunzjata fejn hemm id-Dimples Bar sal-wied, u Main Street fejn l-Extra Time.

Il-Kunsillier Busuttil qal li dawn il-fondi jitilaw sa massimu ta 150,000 Ewro, jaf li ma nużawhomx kollha. Il-Kunsill kull ma jkun jrid joħroġ huma 20%, u min din allokazzjoni nistaw noħorġu 30,000 Ewro.
Is-Sindku nforma lil membri preżenti li fl-2019 il-Kunsill ħa jkun finanzjarjament f'qagħda tajba, allura jkun jista joħroġ is-sehem tiegħu għal dan il-proġett.

**57.3.10 Kommunikazzjoni – Tifkira Freddie Micallef.**
Is-Sindku nforma li l-Kunsilliera ġew mgħarfa b'*email*, fejn is-Sibt 7 ta' April ser issir tifkira għal Freddie Micallef eks. Ministru Mosti. Quddiesa ħa ssir fil-5:00pm u wara nitilqu għal fejn il-monument fejn ħa jsir diskors mis-Sindku, ħa jitkellem it-tifel ta' Freddie Micallef u l-Perit Gatt li kien Ministru fiż-żmien Freddie Micallef.

**57.3.11 Kommunikazzjoni – Transport Malta**
Is-Sindku nforma li s-sospenda l-laqgħa għax ċempel is-Sur Tommy Debono li huwa uffiċjal ma Transport Malta u li jieħu ħsieb il-lokalita tal-Mosta. Din it-tefonata tirrigwarda għaliex illum inqalet *sleeping police,* u saret *sleeping police* iktar l-isfel fi Triq San Anton Abbati minn Transport Malta mingħajr ma ġie nfurmat il-Kunsill, u xi residenti qed joġġeżżjonaw.

Transport Malta titlob lil Kunsill biex tikkomunika mar-residenti meta tkun qed tiġi proposta *sleeping police*, imma Transport Malta qabdu u għamluwa mingħajr ma kkonsultaw mar-residenti. Dawn għamluwa tal-lasktu, meta l-istess Transport Malta tordna lil-Kunsill biex ngħamluhom tat-*tarmac.*

Din hija nġusta għax tal-lasktu ssir u tinqala' malajr, mentri tat-*tarmac* fija iżjed xogħol u tiswa aktar flus. Apparti jekk jsirux lasktu jew *tarmac*, is-Sindku qal li mhux sew li wieħed jżomm mal-proċeduri u l-ieħor le.

Is-Sindku nforma lil membri li ħa jitkellem ma Michael Cohen li huwa responsabbli fuq il-Kunsilli Lokali fi ħdan Transport Malta

**57.3.12 Kommunikazzjoni – Edwin Schembri**
Is-Sindku nforma li s-Sur Edwin Schembri, impjegat mad-District Operations, twaqqaf mil-Kunsill minħabba li qabad u telaq min fuq il-post tax-xogħol mingħajr il-permess tas-Senior *handyman*. Wara li s-Senior *handyman* ġibidlu l'attenzjoni flimkien mas-Segretarju Eżekuttiv, Is-Sur Schembri preżenta ittra mingħand skrivana ta' l-avukat tiegħu li kellu jmur għand l-avukat b'urġenza. Wara l-investigazzjoni irriżulta li s-Sur Schembri ta' spegazjoni falza.

S-Segretarju Eżekuttiv u s-Senior *handyman* kemm il-darba ġibidlu l-attenzjoni fuq l-imġieba tiegħu, u ngħata ċans kemm il-darba biex jirregolarizza ruħu. Saħansitra il-Kunsill matul iż-żmien li s-Sur Schembri kien jaħdem mal-Kunsill, anke lmenti min-residenti rċevejna.

Il-membri preżenti approvaw unanimament li sur Edwin Schembri jitwaqqaf mill-mpjieg mal-Kunsill .

### 57.3.13 Kommunikazzjoni – Triq Kurat Schembri

Is-Sindku nforma li saret triq Kurat Schembri bil-*concrete imprint,* wara li beda jinqala' l-madum. Il-madum li kien tajjeb inqala' u ġie merfugħ biex jintuża ħalli jsiru tiswijiet fi triq il-Parroċċa. Is-Sindku irrimarka li f'ċertu postijiet il-*concrete imprint* li sar qed jżomm l-għadajjar, u għalhekk ħa nitolbu lil kuntrattur biex jirranġaħ.

Is-Sindku talab biex tintbgħat ittra lill min qed jiġi jqassam il-gas biex ma jidħolx fi Triq Kurat Schembri u Triq il-Parroċċa, u joffri s-servizz min Triq Kostituzzjoni. L-istabbiliment Sofra diġa intbagħtet ittra biex ma jkaxkarx gas fuq il-*concrete imprint,* pero' dan jidher li njora l-ittra u sa din il-ġimgħa inġibed *video* fejn jidher li xorta qed ikaxkar il-gas, u għalhekk issa tintbagħat ittra bl-avukat.
Kif wkoll ittra l-istabbiliment tas-Sofra biex iż-żibel jinżamm ġewwa, fejn suppost bħala stabiliment għandu *swill room*, għax qed jħalli mandra barra meta qed joħroġ iż-żibel.

Il-Kunsilliera Bonnici għanda tipprovdi xi ritratti u *video.*

## 57.4 Tweġibiet għall-Mistoqsijiet tal-Kunsillieri

### 57.4.1 Mużew tal-Malta Post

Il-Kunsillier Deguara nforma li l-ħarġa li jmiss hija 19 ta' April fejn ħa ssir żjara fil-mużew tal-posta.

### 57.4.2 Triq San Anton Abbati

Il-Kunsillier Micallef Costa talab jekk jistgħax jsiru *parking bays* fi triq San Anton Abbati. Is-Sindku nforma li *parking bays* hemm fil-post, forsi iċċaraw u hemm bżonn jsir *refreshing* taż-żebgħa. Is-Sindku staqsa jekk hiex il-parti fejn għadu kemm sar it-*tarmac.* Il-Kunsillier Micallef Costa għandu jiprovdi r-ritratti taż-żona, ħalli jekk m'hemx jsiru, u jekk iċċaraw jsir *refreshing.*

### 57.4.3 Triq 15 ta' Awissu

Il-Kunsillier Borg resaq suġġeriment min xi residenti ta' blokka apartamenti Harmony Court, fejn hemm 33 appartamenti, u qed jkollhom problema biż-żibel. Dawn kienu applikaw biex jkollhom *skips* fuq il-bankina, pero' l-Kunsill ma tax permess għax ma jistax jingħalaq l-aċċess tal-bankina, kif wkoll jridu jiftehmu ma kuntrattur biex jitbattal l-iskip, għax fi proprjeta privata ma jidħlux. Ir-residenti diġa għandhom spazju fl-entratura tal-garaxxijiet, pero' qed jintela' għax qed jarmu nies oħra li ma joqgħodux f'din il-blokka, u qed jkun hemm il-ġrieden għax meta jintela' l-iskip, in-nies qed jħallu l-boroz taż-żibel madwar l-iskip.
Ir-residenti mhux kollha qablu li jinħareġ iż-żibel fuq il-bankina għax xorta ħa jingħalaq l-aċċess minħabba l-ammont kbir.

Ir-residenti qed jissuġġerixxu li fejn titwessa l-bankina, jsir xi tip ta' *unit* fejn iż-żibel jkun miġbur u organizzat, biex jinġabar mil-kuntrattur. Dan il-*unit* jsir quddiem Harmony Court, u mhux quddiem xi residenza oħra.
Is-Sindku nforma li din hija xi ħaġa ġdida u li qatt ma saret, aparti min hekk, meta iż-żibel jħalli xi ċarċir ta' likwidi min ser inaddaf? Il-Kunsillier Borg qal li dan jitnaddaf darba fil-ġimgħa mil-*cleaner* tal-blokka.

Is-Sindku talab biex tintbagħat ittra b'dettalji u anke pjanta ta' fejn ir-residenti qed jissuġerixxu li jsir il-*unit.* Is-Sindku fakkar wkoll li din hija responsabilta u spejjes tar-residenti tal-blokka, kif wkoll biex ma jinsewx li xorta jistaw jiġu nies li mhux parti mil-blokka u jarmu fil-*unit.*
Kif nirċievu l-ittra aħna ħa nitolbu direzzjoni mid-DLG, peress li din qadt ma saret. Bħala permess, dan jrid jintalab lil Transport Malta wkoll peress li l-bankini jaqaw taħthom.

#### 57.4.4 Bankina

Il-Kunsillier Borg qal li qed ssir bankina man-naħa tal-PAMA li hija inqas min kemm tippermetti l-liġi. Is-Sindku nforma li din qed ssir min Transport Malta mhux mil-Kunsill.

Fid-9:20pm il-Kunsilliera Rapa talbet biex tiġi skużata għax kellha bżonn titlaq.

#### 57.4.5 Pantar Road

Il-Kunsillier Borg qal li fit-tarf ta' Pantar Road kienu saru blokkok tal-*concrete* biex wieħed joħroġ għal Valletta Road, fejn kien hemm *traffic lights* biex taqsam għal PAMA.

Fid-9:22pm il-Kunsillier Micallef Costa talab biex jiġi skużat għax kellu bżonn jitlaq.

Il-Kunsillier Borg staqsa jekk hux ħa tibqa magħluqa. Is-Sindku nforma li l-blokkok tal-*concrete* saru min Transport Malta, għalhekk ħa nikkorrispondu ma Transport Malta biex jtuna l-informazzjoni, jekk dawn il-blokkok hux ħa jibqaw fil-post.

#### 57.4.6 PAMA

Il-Kunsillier Tanti qal li qed jinħoloq traffiku kbir min jidħol għal PAMA min Valletta Road. Dan it-traffiku ġieli jibqa sejjer sa ħal-Lija.
Is-Sindku nforma li fiż-żmien il-Kunsill 2012-2015, il-Kunsill ta' qabel nmexxi min l-eks Sindku Shirley Farrugia, kien diġa għamel dan is-suġġeriment lil Transport Malta, imma ma ngħatajniex widen. Il-Kunsill kien issuġġerixxa li l-entratura għal PAMA ma tkunx min Valletta Road, u biex triq il-Waqqafa tiġi tinfed għal Pantar Road.

Il-Kunsill ħa jressaq din il-problema lil Transport Malta, u ħa jissuġġerixxi li Valletta Road tkun ħruġ biss, u l'entratura tkun min Pantar Road.

### 57.5 Rapporti

#### 57.5.1 Ħruġ tal-Offerta -KLM T01-2018 – Services of a Contracts Manager

Is-Sindku nforma li it-*tender* tal-Contracts Manager lest, u qabel joħroġ ħa jiġi ċċirkulat mal-Kunsilliera. It-*tender* ħa joħroġ għal 30 siegħa fil-ġimgħa. Dan għandu jkun ta' għajnuna lis-Sindku, lis-Segretarju Eżekuttiv u lis-Senior Handyman, għax ma jistax jkun nibqaw ninħlew nduru biex niċċekjaw xi ħofra, permessi, *yellow lines,* jew xi bozza u affarijiet oħra.
Dan idejalment għandu jkun bniedem bl-esperjenza f'dan il-qasam.

### 57.6 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni

#### 57.6.1 Skeda ta' pagamenti

L-iskeda ta' pagamenti ġew diskussi u approvati unanimament.

#### 57.6.2 Purchase Orders

Il-purchase orders ġew diskussi u approvati unanimament.

### 57.6.3 Works Orders

Il-works orders ġew diskussi u approvati unanimament.

### 57.6.4 Petty Cash

Il-petty cash ġew diskussi u approvati unanimament.

## 56.7 Tmiem tal-Laqgħa u data tas-seduta li jmiss.

Il-laqgħa intemmet fid-9:35 ta' filgħaxija, u ġiet aġġornata għat-23 ta' April 2018 fis-7:30 p.m.

Konfermati llum 2 ta' April 2018.

| IFFIRMATA | IFFIRMATA |
|---|---|
| Keith Cassar | Lorraine Templeman |
| Sindku | Segretarju Eżekuttiv |